MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 538/2005

**B.A.S. Limited**

**vs**

**Steven David Mason**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u erba' mitt Lira Maltin (LM2,400.00,0), dovuti minnu kif jirrizulta mit-tlett cekkijiet numru 000232, 000233, 000234 datati nhar l-10 ta' Mejju tas-sena 2005, nhar l-10 ta' Lulju tas-sena 2005 u nhar l-10 ta' Awissu tas-sena 2005 rispettivament u mahrugin fuq l-APS Bank Limited (dok. A), liema cekkijiet gew "referred to drawer";**

**Bl-imghax mid-data ta' kull skadenza ta' kull cekk u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment mal-presenti kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-21 ta' Marzu tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------